Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 62**
**Tlieta 30 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:40 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Renald Camilleri : Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romina Galea : Viċi Sindku
Emanuel Brincat : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**62.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;**

62.1.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-kunsilliera s-sinjura Romina Galea u s-sinjuri Emanuel Brincat u Nicholas.J.Chircop li talbu li jkunu skużati.

Il-kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l’ accountant se tingħaqad mas-seduta online.

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

62.2.02 Is-segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- indikaturi finanzjarji tar- raba trimestru flimkien mar- rapport finanzjarju mhux awditjat minn l- 1 ta’ Jannar sa l-31 ta’ Diċembru 2023.

L-accountant is- Sna Romina Perici Ferrante spjegat fid-dettal ir-rapport fejn għarrfet lill Kunsilliera preżenti li matul is-sena 2023 id-dħul kien ta' €903,608, filwaqt li l-ispiża kienet ta' €1,323,640. Hawn kompliet tagħti dettalji dwar id-dħul u ħruġ fejn spjegat li matul is-sena il-kunsill għamel bosta tiswijiet u manutenzjoni (€402,813 ) fuq bosta bankini kif ukoll kif previst żied fin-nefqa fuq it-tindif tat-toroq (€111,542), miżati tat-tipping (€125,356), gbir ta' skart goff (€49,953), tindif u manutenzjoni ta’ parks u ġonna (€64,518) kif ukoll ġie mniedi l-proġett tal-e-imsida shuttle (€60,000) u bosta affarijiet oħra. Dan ifisser li sa l-aħħar tas-sena l-kunsill kellu żbilanċ ta' ( € 418,684) li kif jidher fid-dettal ta’ żewġt rapporti il- bilanċ ta’ riservi huwa ta' €431,441 jew indikatur tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' 62% meta mqabbel mal-allokazzjoni tal-gvern għas-sena 2023 (€701,406). Ma dan kollu meta tanalizza f'hiex jikkonsisti ssib li dan jinkludi depożitu minn Project Green ta’ €408,200.47 li daħal f' Diċembru li huwa kommess mal-implimentazzjoni tal-proġett għal Pjazza Victor Denaro filwaqt li għad hemm ukoll €52,000 li huma Kommessi mal-proġett tac-Ċirku tal-Imsida. B'hekk kif ir-riservi li kien hemm ġew utilizzati u ma’ hemmx minn fejn talloka aktar fondi ħlief minn sorsi oħra bħal skemi.

Il-kunsilliera preżenti għamlu bosta mistoqsijiet lis-s Sna Perici Ferrante dwar il-kontenut tar-rapporti fejn wieġbet f'dettal fosthom dwar vjaġġar (€13,783) li jinkludi l-Allowance (€1,225) tas-Segretarju Eżekuttiv li attenda għall-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni go Brussell u l-kumplament relatati mal-proġett ta' Ġemellaġġ ma' Buscemi liema spejjez ġew rifużi minn fondi tal-EU.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai xtaqet tikjarifika li dawn mhux relatati ma' konferenzi jew l-impenji ohra li ppartecipat fihom ghax dawk kienu finanzjati minn progetti ohra Ewropew imanigjati minn ghaqdiet barra il-pajjiz ghalhekk il-kunsill ma' hallas xejn anzi hemm fejn halset hi stess u ghada qed tistenna li ssir rifuzjoni mill-organizaturi.

Tkompliet id-diskuzzjoni dwar ir-rapporti li gew approvati unnanimament.

**62.3 Tmiem tal-laqgħa.**

62.3.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5:45 ta' filgħaxija, filwaqt li data għas-seduta statutorja li jmiss se tkun kif deċiż fis-seduta 63 nhar it-Tlieta 27 ta' Frar.

Minuti konfermati, illum 27 ta' Frar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |